

31989R3488

L 340/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.11.1989

## IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3488/89

tal-21 ta' Novembru 1989

## li jippreskrivi l-metodu tad-deċiżjoni għal ċerti dispożizzjonijiet preskritti għall-prodotti agrikoli fil-qafas tal-ftehim Mediterranji

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità, u partikolarment Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, b'mod konformi ma':

- Artikolu 20(5) tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Alġerija <sup>(1)</sup>, kif emendat bil-Protokoll Addizzjonali tal-25 ta' Ġunju 1987 <sup>(2)</sup>,
- Artikolu 21(2) tal-Protokoll tad-19 ta' Ottubru 1987 li jippreskrivi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri sabiex jiġi implimentat it-tieni stadju tal-Ftehim li jwaqqaf Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u Ċipru <sup>(3)</sup>,
- Artikolu 21(5) tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Marokk <sup>(4)</sup>, kif emendat bil-Protokoll Addizzjonali tas-26 ta' Mejju 1988 <sup>(5)</sup>,
- Artikolu 20(5) tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u t-Tuneżija <sup>(6)</sup>, kif emendat bil-Protokoll Addizzjonali tas-26 ta' Mejju 1987 <sup>(7)</sup>, u
- Artikolu 22(7) tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Jugoslavja <sup>(8)</sup>, kif emendat bil-Protokoll Addizzjonali tal-10 Diċembru 1987 li jstabbilixxi arranġamenti ġodda tal-kummerċ <sup>(9)</sup>, għall-inbid mill-għeneb frisk kopert bil-kodiċi tan-NM ex 2204 preżentat f'kontenituri ta' kontenut li jaqbeż iż-żewġ litri, l-Komunità tista' tiddeċiedi li tiffissa fuqu prezz speċjali ta' fuq il-fruntiera skond ċerti kondizzjonijiet;

Billi, b'mod konformi ma':

- Artikolu 20(1) tal-Protokoll tad-19 ta' Ottubru 1987 li jippreskrivi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri sabiex jiġi implimentat it-tieni stadju tal-Ftehim li jwaqqaf Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u Ċipru,
- Artikolu 3(1) tal-Protokoll Addizzjonali tal-25 ta' Ġunju 1987 mal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Eġittu <sup>(10)</sup>,
- Artikolu 3(1) tal-Protokoll Addizzjonali tal-15 ta' Diċembru 1987 mal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Iżrael <sup>(11)</sup>,
- Artikolu 3(1) tal-Protokoll Addizzjonali tas-26 ta' Mejju 1988 mal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Marokk,

<sup>(1)</sup> ĠU L 263, tas-27.9.1978, p. 2.

<sup>(2)</sup> ĠU L 297, tal-21.10.1987, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 393, tal-31.12.1987, p. 2.

<sup>(4)</sup> ĠU L 264, tas-27.9.1978, p. 2.

<sup>(5)</sup> ĠU L 224, tat-13.8.1988, p. 18.

<sup>(6)</sup> ĠU L 265, tas-27.9.1978, p. 2.

<sup>(7)</sup> ĠU L 297, tal-21.10.1987, p. 36.

<sup>(8)</sup> ĠU L 41, tal-14.2.1983, p. 2.

<sup>(9)</sup> ĠU L 389, tal-31.12.1987, p. 73.

<sup>(10)</sup> ĠU L 297, tal-21.10.1987, p. 11.

<sup>(11)</sup> ĠU L 327, tat-30.11.1988, p. 35.

— Artikolu 2(1) tal-Protokoll Addizzjonali tas-26 ta' Mejju 1987 mal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità u t-Tuneżija, u

— Artikolu 1(1) tal-Protokoll Supplimentari tat-23 ta' Lulju 1987 mal-Ftehim li jwaqqaf Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u t-Turkija <sup>(12)</sup>,

il-Komunità tista' tiddeċiedi dwar aġġustament tal-prezz tad-dħul għal ċerti frott u ħxejjex tal-ikel li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi skond ċerti kondizzjonijiet;

Billi għandhom jittieħdu d-deċiżjonijiet Komunitarji msemmija mill-Kummissjoni b'mod konformi mall-proċedura rilevanti tal-Komunita ta' Ġestjoni

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Għall-inbid mill-għeneb frisk skond il-kodiċi tan-NM ex 2204 29, kif imsemmi hawn taħt, preżentat f'kontenituri ta' kontenut li jaqbeż iż-żewġ litri, li joriġina fil-pajjiżi li ġejjin u fil-limiti tal-kwantitajiet allokat għal kull pajjiż, l-iffissar ta' kull prezz speċjali ta' fuq il-fruntiera b'mod konformi mall-Protokoll konklużi ma' dawn il-pajjiżi u b'mod konformi mal-kondizzjonijiet, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni b'mod konformi mall-proċedura preskritta f'Artikolu 83 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 <sup>(13)</sup>:

- (a) inbid mill-għeneb frisk ta' qawwa alkoħolika li ma taqbiżx il-15 % vol

Pajjiż	Kwantità
Alġerija	160 000 hl
Ċipru	26 000 hl
Marokk	75 000 hl
Tuneżija	150 000 hl
Jugoslavja	516 000 hl

- (b) inbejjed likuri ta' qawwa attwali alkoħolika ta' mhux inqas minn 15 % vol

Pajjiż	Kwantità
Ċipru	73 000 hl

<sup>(12)</sup> ĠU L 53, tas-27.2.1988, p. 91.

<sup>(13)</sup> ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1.

**Artikolu 2**

Għas-sena tal-*marketing* 1999 u kull sena tal-*marketing* li tiġi wara, kull aġġustament tal-prezz tad-dħul għall-frott u l-ħxejjex tal-ikel elenkati fil-lista ta' hawn taħt u li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi indikati hawn taħt, sabiex jinżamm iċ-ċaqliq tradizzjonali tal-kummerċ fil-kuntest tat-tkabbir, għandu jiġi

mwettaq mill-Kummissjoni b'mod konformi mal-proċedura preskritta f'Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 <sup>(1)</sup> fuq il-bażi ta' reviżjoni tal-istatistika u l-fatturi rilevanti kollha provvduti fil-Protokoll konkluż mall-pajjiż interessat u b'konformità mal-kondizzjonijiet preskritti f'dan il-Protokoll:

Kodiċi tan-NM	Prodott	Kwantità (ftunnellati metriċi)	Pajjiż
0805 10 11 sa 0805 10 49	Larinġ frisk	67 000 7 000 293 000 265 000 28 000	Ċipru Eġittu Iżrael Marokk Tuneżija
ex 0805 20 10 ex 0805 20 30 ex 0805 20 50 ex 0805 20 70 ex 0805 20 90	Mandolin, klementin, eċċ, frisk	14 200 110 000	Iżrael Marokk
ex 0805 30 10	Lumi frisk	15 000 6 400 12 000	Ċipru Iżrael Turkija
ex 0806 10 11 ex 0806 10 15 ex 0806 10 59	Għeneb frisk tal-mejda mit-8 ta' Ġunju sa l-4 ta' Awissu	10 500	Ċipru
ex 0702 00 10 ex 0702 00 90	Tadam  inklużi: April Mejju	86 000  15 000 10 000	Marokk

**Artikolu 3**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Novembru 1989.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. PELLETIER

<sup>(1)</sup> ĠU L 118, tal-20.5.1972, p. 1.